MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### TONIO MALLIA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 364/2005

**Av. Dottor Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Hengst Gmbh & Co. KG., ta' Nienkamp 55-85, 48147 Munster, Germanja**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Liliana Buhagiar b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Gunju, 2005, gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil BAGHDAD MAJLI, ta' Nador, Marokk**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur *nomine* fl-20 ta' April, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' attrici hija proprjetarja ta' t-*trademark* konsistenti fil-kelma HENGST miktuba b'mod distintiv,

liema *trademark* jinsab registrat f'diversi gurisdizzjonijiet inkluz f'Malta, u dan dwar filtri fost ohrajn;

*In partikolari*, is-socjeta' attrici ghandha f'Malta tlett registrazzjonijiet ta' t-*trademark* taghha HENGST, rispettivament bin-numri ta' registrazzjoni 43301, 43302 u 43303, u dan dwar filtri ta' diversi tipi u prodotti ohrajn relatati;

Bil-hila u bl-invenzjoni taghha, kif ukoll b'hafna sagrificcju u promozzjoni reklamattiva *da parti* taghha, is-socjeta' attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament konsiderevoli kemm fuq is-suq barrani kif ukoll fuq is-suq lokali, *in konnessjoni* ma' t-*trademark* taghha HENGST;

Fil-21 ta' Marzu, 2005 is-socjeta' attrici giet infurmata mill-Kontrollur ta' d-Dwana li waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 ta' l-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta), l-istess Kontrollur ta' d-Dwana kien issospenda r-rilaxx ta' l-*container* GESU4445745 ta' tul ta' 40 pied kontenenti *auto filters* (li fuq il-*bill of lading* relattiv gew deskritti bhala *auto parts*) u li fuqhom hemm sinjali HENGST, liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* ta' d-Dwana *in transitu* ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* / importatur indikat fuq l-istess *bill of lading* bhala BAGHDAD MAJLI, ta' Nador, Marokk, u *prima facie* dehru car lill-istess Kontrollur ta' d-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt ta' proprjeta' intellettwali;

L-oggetti hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita' ta' l-Kontrollur ta' d-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom sinjali HENGST li jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici, biex b'hekk l-azzjonijiet tal-konvenut jiksru d-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 4 ta' l-Kap. 414 hawn qabel imsemmi kif ukoll dawk rilevanti ta' l-artiklu 10 ta' l-Att ta' l-2000 dwar it-*Trademarks* (Kap. 416), u huma azzjonabbli b'applikazzjoni ta' d-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikli 14 sa 19 ta' l-istess Kap. 416, 2 u 8(1) ta' l-istess Kap. 414;

Is-socjeta' attrici tinsab infurmata li b'kollox gew identifikati 210 kontenituri ta' l-kartun, b'kull kontenitur kontenenti 1000 filtru, u dan allura ghal total kumplessiv ta' 210,000 filtri;

Is-socjeta' attrici ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Is-socjeta' attrici nghatat opportunita' sa l-20 ta' April, 2005 sabiex taghti prova lill-Kontrollur tad-Dwana li nbdew l-opportuni procedimenti civili gudizzjarji;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'*auto filters* li fihom hemm is-sinjal HENGST, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita' ta' l-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* GESU4445745 kontenenti l-imsemmija artikli, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici fir-rigward tat-*trademarks* taghha bin-numri ta' registrazzjonijiet 43301, 43302 u 43303;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill- u ghas-spejjez tal-konvenut;

(3) tiehu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenut mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenut ghandu jbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oggetti ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali

taghhom, tal-hazna stess kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi li *in forza* taghha eccepew illi f'dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza, u b'hekk irriservaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavits imressqa bhala prova;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta li Dr. Luigi A. Sansone huwa rapprezentant tas-socjeta' Hengst GmbH & Co. KG TA' Munster, Germanja, ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki taghha gewwa Malta. Din is-socjeta' kienet giet avvzata li ser tidhol Malta konsenja *auto-filters*, konsistenti fi 210 kaxxa, ghal-total ta' 210,000 *filters* mic-Cina abbord il-vapur m/v *"Monte Cervantes"* gewwa *container* numru GESU 4445745, u f'isem il-kumpanija attrici, l-attur kien talab lill-Kontrollur tad-Dwana jzomm il-konsenja u jaghtihom kampjuni biex jibghatuhom lid-ditta estera biex tanalizzhom u tara jekk humiex foloz jew genwini. Sabu li kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma, u din fil-fatt giet mizmuma l-*Customs Bond* tad-Dwana. Dawn il-fatti gew konfermati wkoll minn George Agius, li huwa *Inspector Custom Enforcement Unit* li semma li fit-3 ta' Marzu, 2005 l-*container in kwistjoni* kien gie maghzul ghall-kontroll fiziku. Ikkonferma li kienu ittiehdu kampjuni biex jigu analizzati. Fid-dokument esebit mill-attur hemm id-dikjarazzjoni ta' Rolf Sudmann, Director Aftermarket

Sales, tad-ditta attrici, li ikkonferma li l-filters *in kwistjoni “are neither produced by us nor are they produced on behalf of our company by a third party. Since this incident is in no connection with any of our orders we are absolutely convinced that the a.m. filters are produced and marketed unlawful and without our consent”.*

Illi meta jitqiesu l-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma dak li tipprovdi l-ligi, jinstiltu l-konkluzjonijiet li gejjin:

a. il-kumpanija attrici hija detentrici ta’ dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f’Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpanija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmija Att;

c. li d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, la darba jidser il-jeddijiet tal-kumpanija attrici;

d. jidher li l-kumpanija attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f’Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpanija attrici biex il-konsenja ta’ oggetti *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f’Malta ta’ hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta’ proprjeta’ intellettwali ta’ xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita’ tal-imsemmija hwejjeg tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b’hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib li l-attur *nomine* wera tajjeb bizzejjed li l-kumpanija attrici kellha ragun temmen li l-oggetti ta’ *auto-filters* li ddahhlu f’Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn

qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f’pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, u *ai fini* tat-tieni talba tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien hmistax-il jum tax-xoghol mil-lum jiddistruggi l-*auto-filters in kwistjoni* minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjes tal-konvenut, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, b’dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur *nomine.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------